

Brussell, 29 ta' Marzu 2019
(OR. en)

8028/19

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0417(CNS)

REGIO 75
POSEIDOM 2

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2018) 825 final - doc. 15758/18 + ADD 1
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni Nru 940/2014/UE f'dak li jirrigwarda l-prodotti li huma eliġibbli għal eżenzjoni jew tnaqqis tad-dazju tal-baħar - Adozzjoni

1. Fit-13 ta' Diċembru 2018, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta msemmija hawn fuq lill-Kunsill. Il-proposta għandha l-għan li tadatta l-lista ta' prodotti eliġibbli għal differenzjali fit-taxxa biex jiġu riflessi l-bidliet ekonomiċi li seħħew fir-Reġjuni Ultraperiferiċi Franċiżi mill-adozzjoni tad-Deċiżjoni Nru 940/2014/UE.
2. Din il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).
3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Reġjuni l-Aktar Imbiegħda ddiskuta l-proposta msemmija hawn fuq għal Deċiżjoni tal-Kunsill u qabel dwar it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill fil-laqgħa tiegħu tal-31 ta' Jannar 2019.

4. Il-Parlament Ewropew ivvota l-opinjoni tiegħu dwar din il-proposta fis-27 ta' Marzu 2019.
 5. Huwa għalhekk issuġġerit li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jistieden lill-Kunsill biex, bħala punt "A" f'laqgħa li ġejja, jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti, kif tinsab fid-dokument 5975/19.
-